# ID-DAWL

AWWISSU 2026 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 104

**“Issegwix ix-xewqat baxxi tiegħek ħalli tkun tista’ taġixxi b’mod ġust.”**



It-Titjib tal-Morali | Id-Dell tal-Armamenti | Mara bil-Ħiġab | Intenzjonijiet u Għemejjel

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# It-titjib tal-morali

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Il-morali tajba u l-karattru sabiħ huma suġġett li kellu jingħata ħafna aktar attenzjoni milli ngħatatlu fis-soċjetà tagħna. Sfortunatament, din in-negliġenza għadha teżisti sal-lum, u r-riżultat tagħha huwa t-tnaqqis fil-livell morali tas-soċjetà tagħna — realtà li llum nistgħu narawha kważi kullimkien.

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal li, il-fqir fost in-nies tiegħi huwa dak li jiġi f'Jum il-Qawmien bit-talb, is-sawm u ż-żakat, iżda jkun insulta lil xi ħadd, akkuża lil xi ħadd, ħa l-ġid ta' xi ħadd, sawwat lil xi ħadd jew għamel ħsara lil xi ħadd. Għalhekk, il-ġid spiritwali li jkun akkumula jingħata lill-persuni li ġew imħassra minnu. U meta l-għemejjel tajbin tiegħu jispiċċaw, id-dnubiet tagħhom jitqiegħdu fuqu u mbagħad jintrema fin-nar.

Dan id-diskors jgħallimna lezzjoni importanti ħafna dwar ir-relazzjoni bejn il-qima lejn Alla u l-mod kif nittrattaw lill-bnedmin. Persuna tista' tkun diliġenti fit-talb, is-sawm u l-karità, iżda jekk fl-istess ħin tweġġa' lil ħaddieħor, tinsulentah, tqarraq bih jew tieħu d-drittijiet tiegħu, l-għemejjel tajbin tagħha jistgħu jintilfu minħabba d-danni li tkun ikkawżat. Il-kelma "fqir" f'dan il-*hadith* ma tfissirx fqir finanzjarjament, iżda persuna li tasal f'Jum il-Qawmien mingħajr il-ġid spiritwali li kienet akkumulat, minħabba li l-għemejjel tajbin tagħha jingħataw lil dawk li tkun għamlet ħsara lilhom. Dan jurina kemm huma serji d-drittijiet tal-bniedem u kemm għandna noqogħdu attenti għall-kliem u l-għemil tagħna.

**ID-DAWL**

AWWISSU 2026 – Numru 104 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

INDEX

**Moral improvement** 02
**The shadow of warfare** 03
**Il-prinċipji għall-paċi** 05
**Woman in Hijab** 06
**Intentions and deeds** 08

www.ahmadiyya.mt/id-dawl Qoxra: Corgarashu/Shutterstock.com




# Id-dell tal-armamenti moderni

Billi jagħraf l-importanza fundamentali tal-paċi, il-Kap Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], ikompli jfakkar lid-dinja fir-responsabbiltà tagħha li taħdem għall-istabbiliment ta' paċi dejjiema. Hawnhekk nippreżentaw xi siltiet minn indirizz reċenti tiegħu, fis-Simpożju għall-Paċi, fis-16 ta' Mejju 2026, li fih il-Qdusija Tiegħu ġibed l-attenzjoni tad-dinja lejn il-ħtieġa li tinbena u tissaħħaħ il-paċi.

"Aktar minn 70 miljun ruħ għebu fit-Tieni Gwerra Dinjija. Il-maġġoranza assoluta kienu nies pajżana, irġiel, nisa u tfal komuni. Huwa biss b'koinċidenza żgħira li l-mewt u d-distruzzjoni baqgħu fil-biċċa l-kbira tagħhom marbuta ma' dak il-perjodu, ħlief għal eċċezzjoni waħda miskina – il-Ġappun, li fuqu ntefgħu żewġ bombi atomiċi fl-1945. Filwaqt li mijiet ta' eluf mietu dak il-ħin, il-legat radjuattiv baqa' jkidd lill-ġenerazzjonijiet suċċessivi għal ħafna snin. Għadd ta' studji wrew li t-tfal ta' dawk li baqgħu ħajjin affaċċjaw riskji kbar ta' diżabilitajiet nevroloġiċi u fiżiċi, filwaqt li r-rati ta' tfal imwielda mejta għolew fost nisa tqal li kienu esposti għar-radjazzjoni.

Fl-1945, l-Istati Uniti biss kellhom fil-pussess tagħhom il-bomba atomika, iżda llum għadd ta' pajjiżi għandhom l-armi nukleari, li l-qawwa u l-kapaċitajiet distruttivi tagħhom ma tistax tqabbilhom mal-bombi li ntefgħu fuq il-Ġappun. B'riżultat ta' dan, jekk, Alla jiskansana, saħansitra wieħed jew żewġ pajjiżi qatt jutilizzaw dawn l-armamenti, it-tbiċċir li jkun hawn u l-effetti katastrofiċi dejjiema żgur li jmorru lil hinn mill-immaġinazzjoni tagħna.

Għadd sostanzjali ta' personaġġi influwenti issa qegħdin jikkundannaw l-armamenti u l-inġustizzji, għax għarfu li jekk nibqgħu mexjin f'din it-triq ta' aggressjoni imprudenti se jkollna katastrofi li qatt ma kien hawn bħalha fid-dinja. Huma ġustament qegħdin iwiddbu lil xi pajjiżi biex jersqu 'l bogħod mix-xifer qabel ma jkun tard wisq. Minflok ma qegħdin iħallu liċ-ċittadini komuni jibnu ħajjiet aħjar għall-familji tagħhom, għalfejn il-mexxejja tad-dinja qegħdin iressqu lill-umanità lejn il-preċipizju ta' diżgrazzja inkonċepibbli?

Tassew, bħala bnedmin, irridu nistaqsu lilna nfusna għaliex qed niġġieldu mhux biss kontra xulxin, iżda wkoll kontra wliedna, kontra n-neputijiet tagħna u kontra l-ġenerazzjonijiet futuri...

## Id-drittijiet tan-nisa bħala skuża għall-gwerra

Fiż-żminijiet reċenti, ġustifikazzjoni oħra li ħafna drabi tingħata għall-interventi tal-Punent f'pajjiżi barranin hija l-liberazzjoni tan-nisa u l-bniet ta' dawn il-pajjiżi. Madanakollu, traġikament, l-eluf ta' nisa u bniet li jinqatlu bil-bombi tal-barranin juru l-falsità ta' dawn il-pretensjonijiet. Wara t-tfaqqigħ tal-gwerra tal-Iran, il-Membru tal-Parlament Ewropew l-Ispanjola Irene Montero affermat li d-drittijiet tan-nisa u l-bniet huma mkażbra b'mod egoistiku bħala skuża biex tiġi assertita l-aġenda ġeopolitika. Hija qalet, "L-ebda mara  ma ġiet meħlusa matul iż-żmien mill-bombi Amerikani jew l-aggressjoni illegali. La fis-Sirja, la fl-Iraq, la fil-Libanu, la fl-Afganistan, u mhux se jseħħ hekk lanqas fl-Iran. Aħna mxebbgħin li d-drittijiet tagħna, ġisimna u l-vjolenza li jsofru n-nisa jintużaw bħala skużi biex jiġġustifikaw it-tfigħ tal-bombi illegali u l-aggressjoni imperjalista."(1)

Kliemha jesponi verità serja li n-nazzjonijiet setgħana jfittxu li jiġġustifikaw l-inġustizzji u l-gwerer fuq pretesti foloz li qed jiddefendu d-drittijiet umani. Aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar in-nies qed jintebħu bil-perikli li jdawruhom fil-mument.

## Il-prinċipji tal-Iżlam għall-paċi dejjiema

It-tagħlim tal-Iżlam joffri gwida eterna għall-paċi. Biex nuri dan, se nsemmi xi ftit versi mill-Koran Imqaddes. Kapitlu 4, vers 136 jafferma, **"Intom li temmnu, kunu stretti fl-osservanza tal-ġustizzja, u kunu xhieda għal Alla, anki jekk teħduha kontra tagħkom infuskom, jew kontra l-ġenituri u l-qraba..."**

Hawnhekk, Alla isejjaħ lill-Musulmani biex iwettqu ġustizzja u ekwità assoluta. Dan ifisser li persuna trid tkun lesta li tixhed kontra tagħha stess, il-ġenituri tagħha, il-maħbubin tagħha, jew il-komunità tagħha għall-kawża tal-verità u l-ġustizzja. Il-vers ikompli, **"… Minkejja li jkun sinjur jew fqir, Alla jieħu ħsiebhom it-tnejn aktar minnek. Għalhekk, issegwix ix-xewqat baxxi ħalli tkun tista' taġixxi b'mod ġust..."**

Fi kliem ieħor, il-pożizzjoni soċjali ta' persuna jew l-akkwisti materjali tagħha ma jfissru xejn quddiem Alla. Dak li jgħodd huwa s-sinċerità li persuna tikkommetti għall-verità u l-ġustizzja. B'hekk, il-Musulmani huma ordnati biex jirreżistu x-xewqat vulgari li jostakolaw it-triq għall-ekwità vera. Bl-istess mod, f'kapitlu 5, vers 9, insibu, "Kunu sodi fil-kawża ta' Alla, billi tkunu xhieda fl-ekwità; u tħallux il-mibegħda tan-nies tinstigakom li taġixxu b'mod differenti ħlief bil-ġustizzja. Kunu dejjem ġusti, għax hekk toqorbu lejn l-onestà."

Hawnhekk ukoll, Alla jikkmanda lill-Musulmani biex ikunu ġusti u integri fiċ-ċirkostanzi kollha, saħansitra ma' dawk li jeħduha kontrihom. Huwa faċli li tissodisfa d-drittijiet ta' dawk li taqbel magħhom. Hija sfida ħafna akbar li tissodisfa d-drittijiet ta' dawk li jopponuk.

(1) https://www.facebook.com/watch/?v=1415133803626448



Svrslyimages/Shutterstock.com

# Mara bil-Ħiġab tista' tkun progressiva?

**Barira Haroon**, Studenta tal-Mediċina

Kont naħseb li t-tweġiba kienet ikkumplikata. Issa naf li hija sempliċi.

Bħala studenta tal-mediċina, darba kont nibża' li l-ħiġab tiegħi seta' jżommni lura. Kont ninkwieta li l-pazjenti setgħu jiddubitaw minni, li l-kollegi setgħu ma jagħtunix l-importanza xierqa, u li xi bibien setgħu jingħalqu bil-mod quddiemi qabel ma lanqas nasal għalihom. Dħalt fl-ewwel esperjenza klinika tiegħi b'dik il-biża' miegħi, b'idejja jirtogħdu ftit, mhux għax ma kellix l-għarfien, imma minħabba l-piż li nħoss meta nkun viżibbilment differenti.

Imma ġrat xi ħaġa li ma kontx qed nistenna.

Darba waranofsinhar, kont bilqiegħda ħdejn pazjenta anzjana li ħarset lejja, waqfet għal mument, tbissmitli bil-ħlewwa, u qalet:

**“Tfakkarni fin-neputija tiegħi.”** Dak il-mument biddel kollox. Il-ħiġab tiegħi, li kont naħseb li se joħloq distanza, sar pont. Il-pazjenti bdew jiftħu qalbhom miegħi, mhux minkejja l-ħiġab tiegħi, imma xi kultant minħabba fih. Dan fetaħ il-bieb għal konversazzjonijiet, kurżità u fiduċja. Għamilni aktar konxja tas-sensittivitajiet kulturali, aktar attenta u aktar umana.

Permezz tal-fidi tiegħi, bdejt nara l-mediċina b’mod differenti, mhux biss bħala karriera, imma bħala għemil ta’ servizz. Li nieħu ħsieb il-pazjenti sar aktar minn dmir kliniku; sar xi ħaġa ta’ tifsira profonda, kważi sagra. Il-ħiġab tiegħi għenni nibqa’ msejsa f’dik il-perspettiva. Fakkarni għaliex għażilt din it-triq: biex naqdi lill-umanità b’kompassjoni.

U nbidlet xi ħaġa oħra wkoll – inbdilt jien.

Li nilbes il-ħiġab għamilni aktar kunfidenti, mhux inqas. Meta tifhem tassew it-tifsira tiegħu, ma tibqax tħossu bħala restrizzjoni, imma tibda tħossu bħala dikjarazzjoni. Huwa dikjarazzjoni kwieta iżda qawwija: din jien. Tatni sens ta’ identità li l-ebda approvazzjoni minn barra ma setgħet tieħu postha. Ma kontx qed inċekken lili nnifsi; kont qed noqgħod soda f’dak li jien.

Dak li ma kontx qed nistenna, kien min kien qed iħares.

Għall-ewwel ma tirrealizzax, imma ssir rifless għal oħrajn. Bniet żgħar jarawk għaddejja fil-kurituri tal-isptar, bl-istetoskopju ma’ għonqok u l-ħiġab fuq rasek, u xi ħaġa tinbidel fihom. Il-possibbiltajiet tagħhom jikbru. Issir mudell għalihom mingħajr ma tipprova, sempliċement billi tkun int innifsek b’mod awtentiku.

Allura, mara bil-ħiġab tista’ tkun progressiva?

Iva. Mhux minkejja l-ħiġab tagħha, imma ħafna drabi minħabba fih.

Li tkun progressiva ma jfissirx li tabbanduna l-identità tiegħek; ifisser li tiddefinixxi mill-ġdid xi tfisser is-saħħa, skont it-termini tiegħek. U xi kultant, dik is-saħħa tkun imdawra bid-drapp, iżda tinġarr b’għan sod u determinazzjoni.

# Intenzjonijiet u għemejjel

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, jispjega li l-azzjonijiet jiġu ppremjati skont il-motivi warajhom. Huwa qal: **"Tassew l-għemejjel huma ġġudikati bl-intenzjonijiet u għal kulħadd huwa premju, skont l-intenzjoni tiegħu."** Dan il-kliem preċiż u profond jitfa' dawl bażiku fuq il-filosofija tal-atti umani. Huwa minnu li għalkemm ħafna drabi anke l-qrati ma jiddeċidux fuq ir-reati li seħħew, imma, huma jidħlu fid-dettall biex isibu x'kien l-iskop u l-ħsieb wara dawk ir-reati, sabiex jiddeterminaw il-verità kollha.

Alla li Jaf kollox anke dak li hemm fil-moħħ u fil-qalb tal-bniedem jiġġudika l-għemejjel tagħna bl-intenzjonijiet warajhom. It-tifsira ta' dan id-diskors tal-Profeta hija li, quddiem Alla, il-valur ta' kull għemil jiddependi fuq l-intenzjoni tagħna. Jekk persuna tagħmel xi ħaġa b'intenzjoni tajba, Alla jagħtiha l-premju tagħha. Imma jekk tagħmilha b'intenzjoni ħażina, dak l-għemil ma jkunx aċċettat.

Minn dan nitgħallmu li għandna nagħmlu kull ħaġa b'intenzjoni sinċiera, għall-pjaċir ta' Alla biss. Eżempju eċċellenti ta' dan huwa kif il-Qaddis Profeta Muħammad jgħid f'dan ir-rigward li, jekk raġel ipoġġi biċċa ikel f'fomm martu għax hija r-rieda ta' Alla li jipprovdi l-għajxien lil martu u jara l-faraġ tagħha, dan l-att tiegħu għalhekk żgur ikun ittrattat, fil-preżenza ta' Alla, bħala att ta' tjubija kbira, bħala għemil mill-aqwa.

Għandna dejjem nippruvaw inżommu intenzjoni safja f'dak kollu li nagħmlu, għax is-sinċerità hija ċ-ċavetta biex l-għemil tagħna jkun aċċettat minn Alla. Meta persuna tagħmel xi ħaġa bil-biża' ta' Alla u b'intenzjoni sinċiera, Alla jpoġġi l-barka f'dak l-għemil. Aħna nistgħu nagħmlu l-isforz tagħna, imma ma nistgħux noħolqu r-riżultati waħedna. Ir-riżultati tal-isforzi tagħna jinħolqu minn Alla.

Għalhekk, għandna nagħmlu l-almu tagħna biex l-għemejjel tagħna jkunu nodfa, tajbin u sinċieri, u biex nagħmluhom b'lealtà u devozzjoni. B'hekk, l-għemejjel tagħna jkunu ta' pjaċir għal Alla, u nitolbuh biex jagħti riżultati tajbin, pożittivi u dejjiema lill-isforzi tagħna.

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**